



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-616/13 P**

**Productos Asfálticos (PROAS) SA  
vs  
Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Akkordji — Artikolu 81 KE — Suq Spanjol tal-bitum għall-kisi tal-uċuħ tat-toroq — Tqassim tas-suq u koordinazzjoni tal-prezzijiet — Tul eċċessiv tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea — Tul eċċessiv tal-proċedura quddiem il-Kummissjoni Ewropea — Appell dwar l-ispejjeż”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Ġunju 2016

- Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Ksur ikklassifikat bħala serju ħafna unikament fuq il-bażi tan-natura tiegħu — Obbligu li jintwera impatt konkret tal-ksur fuq is-suq — Assenza*  
*(Artikolu 101 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Avviż tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 1.A)*
- Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Stħarriġ ġudizzjarju — Ġurisdizzjoni sħiħa — Stħarriġ tal-legalità — Portata u limiti — Ġurisdizzjoni sħiħa strettament limitata għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa imposta — Assenza ta' żball tal-Qorti Ġenerali*  
*(Artikoli 101 TFUE, 102 TFUE, 261 TFUE u 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikoli 23(2) u 31)*
- Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament*  
*(Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58)*
- Appell — Aggravji — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tar-rifjut tal-Qorti Ġenerali li tordna miżuri istruttorji — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tan-neċessità li tiġi kkompletata l-informazzjoni pprovduta — Portata*  
*(Artikolu 256(1) TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 64 u 66(1))*
- Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Obbligi tal-Kummissjoni — Osservanza ta' terminu raġonevoli — Annullament tad-deċiżjoni li tikkonstata ksur minħabba tul eċċessiv tal-proċedura — Kundizzjoni — Ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-impriżi kkonċernati*  
*(Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(1); Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003)*

6. *Kompetizzjoni — Multi — Determinazzjoni — Nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli tal-proċedura amministrattiva u ġudizzjarja — Ksur li ma jiġġustifikax, fih innifsu, it-tnaqqis tal-ammont tal-multa*

*(Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(1); Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003)*

7. *Proċedura ġudizzjarja — Tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali — Terminu raġonevoli — Kawża dwar l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni — Nuqqas ta' osservanza ta' terminu raġonevoli — Konsegwenzi — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti*

*(Artikoli 101 TFUE, 102 TFUE, 256(1) TFUE, 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47)*

8. *Proċedura ġudizzjarja — Tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali — Terminu raġonevoli — Kriterji ta' evalwazzjoni*

*(Artikoli 101 TFUE, 102 TFUE, 256(1) TFUE, 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47)*

9. *Appell — Aggravji — Aggravju indirizzat kontra d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fuq l-ispejjeż — Inammissibbiltà fil-każ ta' każda tal-motivi l-oħra kollha*

*(Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 87(2))*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 33, 34)

2. Fil-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFU, il-portata tal-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali hija strettament limitata, b'differenza mill-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa. Waqt l-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni, il-Qorti Ġenerali ma twettaqx żball ta' evalwazzjoni billi tqis li l-Kummissjoni ffissat b'mod validu l-ammont bażiku tal-multa imposta fuq impriża għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, mingħajr ma kellha għalfejn tiegħu inkunsiderazzjoni l-impatt konkret tal-akkordju kkritikat fuq is-suq inkwistjoni.

Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li l-Qorti Ġenerali kkonfermat, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha fir-rigward tal-multa imposta fuq din l-impriża, diversi elementi tal-evalwazzjoni li l-Kummissjoni għamlet fid-deċiżjoni li imponiet il-multa, u li l-legalità tagħha ġiet preċedentement ikkonstatata ma jistax jistabbilixxi nuqqas ta' eżerċizzju minn din tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha.

(ara l-punti 43, 44, 48, 51)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 52)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 66, 67)

5. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 74)

6. Fil-qasam tal-kompetizzjoni, ksur tad-dritt għall-osservanza tat-terminu raġonevoli minħabba t-tul tal-proċedura amministrattiva u għudizzjarja ma jistax, fih innifsu, jwassal għal tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuq impriża minħabba l-ksur inkwistjoni.

(ara l-punt 74)

7. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 81, 82)

8. Talba intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-danni kkawżati min-nuqqas ta' osservanza, mill-Qorti Ġenerali, ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni ma tistax titressaq direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell, iżda għandha titressaq quddiem il-Qorti Ġenerali nnifisha, billi rikors għad-danni jikkostitwixxi rimedju effettiv.

Fid-dawl ta' dan, peress li huwa ċar, mingħajr ma huwa neċessarju li l-partijiet jipproduċu provi addizzjonali f'dan ir-rigward, li l-Qorti Ġenerali kisret b'mod suffiċjentement serju l-obbligu tagħha li tiddeċiedi l-kawża f'terminu raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkonstata dan il-ksur.

Ikun hemm ksur ta' dan il-prinċipju fil-każ li t-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, jiġifieri kważi ħames snin u disa' xhur, li jinkludu, b'mod partikolari, perijodu ta' kważi erba' snin u xahrejn li għadda mingħajr ebda att ta' proċedura, bejn tmien il-proċedura bil-miktub u s-sottomissjonijiet orali, la jista' jiġi spjegat min-natura jew mill-kumplessità tal-kawża u lanqas mill-kuntest tagħha.

(ara l-punti 81, 83, 84)

9. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 88)